MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 16/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Emanuel Mifsud**
**Carmelo Mifsud**
**Malcolm Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
Nhar il-31 t'Awissu 2006, ghall-habta ta' 2.00 p.m. gewwa l-isptar San Luqa w cioe' fil-parkegg tal-Kamra Mortwarja, ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Louis Borg minn tas-Sliema, kif iccertifika Dr. Stephen West MD u dan ai termini tal-artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi, kkagunaw feriti hfief fuq il-persuni ta' Karl Borg u Miguel Borg minn tas-Sliema, kif iccertifikat minn Dr. Stephen

West MD u dan ai termini tal-artikolu 212 (Sic!) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija mghotija lilhom u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi, kisru il-kwiet u l-buon ordni pubblika w dan ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi, heddew bi kliem lill-persuni msemmija aktar il-fuq u dan ai termini tal-artikoli 339(1)(e);
Involontarjament ikkagunaw hsara fuq uniformijiet tal-Membri tal-Korp tal-Pulizija w membri tas-sigurta' tal-isptar San Luqa w dan ai termini tal-artikolu 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Jannar, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 212, 214, 216, 338(ee)(dd) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant Emanuel Mifsud hati tal-ewwel akkuza w cioe' dik ta' feriti gravi fuq il-persuna ta' Louis Borg, tat-tielet, ir-raba', l-hames u s-sitt akkuza w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' tmin mitt Euro (€800), sabet lill-appellant Malcolm Mifsud hati tat-tielet, ir-raba', l-hames u s-sitt akkuza w illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sena ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li sabet lill-appellant Carmelo Mifsud hati tat-tielet, ir-raba', l-hames u s-sitt akkuza w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' erbgha mitt Euro (€400).
Iddikjarat li procediment ezawrit fil-konfront tal-ewwel akkuza fil-konfront tal-appellanti Carmelo Mifsud u Malcolm Mifsud stante li din giet irtirata mill-prosekuzzjoni w tat-tieni akkuza fil-konfront tal-imputati kollha stante rinunzja tal-parti offiza.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom pprezentat fis-27 ta' Jannar, 2009, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberahom minn kull imputazzjoni w htija jew alternattivament billi tikkonfermaha in kwantu hemm sejbien ta' htija w tirrevokaha in kwantu ghal pieni

moghtija fil-konfront tal-appellanti w minflok tghaddi sabiex timponi piena aktar ekwa w gusta skond il-ligi fil-konfront tal-appellanti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-ewwel aggravju tal-appellanti hu li s-sentenza hija monka at termini tal-art. 382 tal-Kodici Kriminali, stante li filwaqt li s-sentenza appellata tiddikjara li sabet htija fl-appellanti anki fuq is-sitt imputazzjoni w cioe' dik ta' hsara volontarja [recte: involontarja], ma ssemmix l-artikolu relattiv u minnflok issemmi l-artikolu 212 tal-Kodici Kriminali li ma jghoddx ghall-kaz odjern.

Semghet it-trattazzjoni dwar dan l-aggravju ;

Ikkonsidrat;

Illi ibda biex, fil-waqt li l-appellanti kienu gew akkuzati b' sitt imputazzjonijiet, l-ahhar wahda dik li involontarjament ikkagunaw hsara fuq l-uniformijiet tal-membri tal-Korp tal-Pulizija w membri tas-sigurta' tal-isptar San Luqa, din l-ahhar akkuza, ovvjament bi zball, ma, gietx riprodotta mal-akkuzi l-ohra fit-tieni u t-tielet pagna tas-sentenza dattilografata.

Pero' fil-korp tas-sentenza (fol. 6) l-Ewwel Qorti iddikjarat li mill-provi prodotti tirrizulta, "inter alia", din is-sitt akkuza bla ma semmiet x' inhi. Fil-parti dispozittiva tas-sentenza regghet qalet li qed issib lit-tlitt appellanti hatja ta' din is-sitt imputazzjoni bla ma reghhet semmiet x' inhi.

Kemm fl-intestatura tas-sentenza (fol. 1) kif ukoll fil-parti dispozittiva tas-sentenza (fol. 7 u 8 ) l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikoli 212, 214, 216, 338(ee) u (dd) u 339(1) (e) tal-Kodici Kriminali. Issa fil-waqt li dawn l-artikoli - eccetto l-art. 212 - jirriferu ghall-offiza ta' natura gravi, in-nuqqas ta' ubbidjenza ta' ordni legittima tal-Pulizija, l-ksur tal-paci pubblika bi glied u ghajjat u l-ingurji

jew theddid, kontenuti rispettivament fl-ewwel ,fit-tielet, fir-raba w fil-hames imputazzjonijiet, ma saret ebda referenza ghall-artikolu 328(d) u l-proviso tieghu li jirrigwarda r-reat ta' danni involontarji fuq proprjeta' pubblika, li jissemma fis-sitt imputazzjoni. Issemma l-artikoli 212 li ovvjament ma ghandu x' jaqsam xejn ma' ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti.

Ikkonsidrat;

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha <u>tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati</u>, taghti l-piena <u>w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u> (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita’ tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali. F’ kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza. (ara f’ dan is-sens l-Appelli Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Paul Cachia**” [25.9.2003] ; **“Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**” [9.9.2002]; **“Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**” [10.7.2002 u 28.6.2002] **“Il-Pulizija vs. Donald Cilia**” [24.4.2002] u ohrajn)

Illi fil-kaz in ezami, jidher manifest li l-Ewwel Qorti – x’aktarx bi zvista – naqset li ssemmi l-fatti li taghhom kienet issib htija fir-rigward tas-sitt imputazzjoni w naqset ukoll li ssemmi l-artikolu tal-ligi li tahtu sabet htija fil-konfront tal-appellanti ghar-rigward ta' din l-imputazzjoni w dan jirrendi s-sentenza appellata nulla, hlief ghall-parti fejn illiberat lill-appellanti mit-tielet imputazzjoni stante rinunzja tal-partijiet lezi w fejn illiberat lill-appellanti Carmelo Mifsud u Malcolm Mifsud mill-ewwel imputazzjoni, li giet irtirata mill-prosekuzzjoni.

Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi milqugh.

In vista ta' din id-decizjoni mhux il-kaz li din il-Qorti f' dan l-istadju tidhol biex tiddeciedi dwar l-aggravji l-ohra.

Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tiddikjara s-sentenza appellata nulla, hlief fejn illiberat lill-appellanti Carmelo u Malcolm Mifsud mill-ewwel imputazzjoni li giet irtirata fil-konfront taghhom u fejn iddikjarat il-procediment ezawrit stante rinunzja tal-partijiet lezi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni fil-konfront tat-tlitt appellanti. Biex ma tipprivax lill-appellanti mill-beneficcju tad-doppio esame, anki ghaliex dawn ma ammettewx is-sitt imputazzjoni li taghha nstabu hatja, qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-Ewwel Qorti biex il-kawza tigi deciza mill-gdid skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------